**Is-Sitt laqgħa tas-Sotto Kumitat ta' l-Organizzazzjoni t' Attivitajiet fin-Nadur**

**Nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru 2012 fis-7:00 p.m**

**Preżenti:**

Charles Said, Sindku
Eucharist Camilleri, Viċi Sindku
Josianne Cutajar, Kunsillier
Maria Natoli, Kunsillier
Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv
Joe Zerafa
Peter Paul Buttigieg
Lucio Debono
Anton Said
Raymond Vella
Antonia Portelli
Ines Buttigieg
Kenneth Portelli

---

**1.** Il-laqgħa bdiet bit-talba u tmexxiet mis-Sindku.

**2.** **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-ħames laqgħa ġew approvati w iffirmati.

**3.** **Wine Festival 2013.** Is-Sindku ppropona li l-Wine Festival 2013 issir mill-Gimgħa 16 ta' Awwissu sal-Ħadd 18 ta' Awwissu peress li f'dan il-"weekend" mhux ser ikun hemm festi. Eucharist Camilleri issuġġerixxa li l-*wine festival* tan Nadur dejjem issir kmieni f'Awwissu.

**4.** **Programm ta' Jum il-Kunsill.** Is-Sotto Kumitat ra l-programm ta' attivitajiet li ser issiru fl-okkazzjoni ta' Jum il-Kunsill (ara kopja annessa).

**5.** **Premju Gieħ in-Nadur.** Infetħu n-nominazzjonijiet għall-premju Gieħ in-Nadur. Nominazzjonijiet mitfuha kienu:
Charlie Xuereb nominat minn Dun Salv Pace
Patri Pietru Pawl Mejlak nominat minn Mons. Salvu Muscat
Charlie Xuereb nominat minn Anton Said
Is-Sotto kumitat qabel unanimament li l-Premju Gieħ in-Nadur għandu jingħata lil Charlie Xuereb u għalhekk ma kienx hemm bżonn li jittieħed vot.

6. **Attivitajiet tal-Milied.** Kenneth Portelli qal li l-biċċa art fejn kien ser issir Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Zgħazagħ ma ġietx awtorizzata biex tintuża għal dan l-iskop u għalhekk din l-attivita' mhux ser issir. Ġie ssuġġerut li ssir Citrus Festival u Open Market fil-15 u 16 ta' Dicembru fi Pjazza San Pietru u San Pawl u fil-pjazzetta. Peter Paul Buttigieg ppropona li jsir Open Market il-ġurnata kollha nhar 16 ta Diċembru fil-pjazza u il-madwar bħala attivita tal Milied.

7. **Karnival 2013.** Il-Karnival organizzat ser issir nhar il-Ħadd 3 ta' Frar 2013. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa l-aħħar ta' Diċembru 2013. Ġie diskuss il-Karnival spontanju speċjalment il-kontroll fuq il-"live bands" u karrijiet. Peress li din l-attivita' mhux attivita tal-Kunsill din l-attivita tiġi taħt il-kontroll tal-pulizija u l-Kunsill ma jistax jiddeċiedi liema karrijiet jidhlu u dawk li ma jidħlux.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30 p.m.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**